**9 ta' Marzu, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
***Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.***

Hilda Lanzon

*versus*

Nazzareno Pace

***Requistionee – Alternative Accomodation – Hardship***

*Ir-rikorrenti, għalkemm se tiġi maħruġa minn darha f'Ħal-Balzn però ma tiġix ipprovduta b'alternative accomodation: l-intimat, jekk jiġi żgumbrat mill-fond fejn attwalment jabita (proprjetà tar-rikorrenti) ma ġiex ippruvat sodisfaċentement li għandu fejn imur joqgħod.*

*Huwa evidenti li jekk l-intimat jiġi żgumbrat il-hardship tiegħu jkun ferm akbar minn dak tar-rikorrenti jekk it-talba tagħha ma tiġix milqugħa.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' Hilda Lanzon ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera li permezz tiegħu r-rikorrenti fuq imsemmija wara li ppremettiet illi hija tikri lill-intimat fuq imsemmi, il-fond, 2, Point Street, Sliema, bil-kera ta' disgħa liri (Lm9) kull tliet xhur li jitħallsu bil-quddiem; illi skond *"President's Declaration"* maħruġa fl-1 ta' Lulju, 1982 *il-post okkupat illum b'kirja mir-*rikorrenti huwa meħtieġ mill-Gvern għal *"possession and use"* taħt il-provvediment tal-Kap. 136 tal-Liġijiet ta' Malta, u d-dar fil-pussess tar-rikorrenti sejra tiġi demolita b'mod illi hija sejra tisfa bla dar, illi r-rikorrenti għalhekk teħtieġ il-fond mikri lill-intimat għaliha; illi l-intimat ma jużax dan il-fond aktar bħala r-residenza ordinarja tiegħu għax għandu post ieħor l-Imqabba

u illi f'kull każ; però l-*hardship* għar-rikorrenti jekk it-talba tiġi miċħuda jkun aktar minn dak għall-intimat jekk it-talba tiġi milqugħa; Talbet illi tiġi awtorizzata tirriprendi l-pussess tal-fond 3, Point Street, Sliema;

Rat ir-risposta ta' l-intimat illi permezz tagħha ssottometta:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti hija għal kollox infondata u insostenibbli. Ir-raġuni ta' l-eżistenza ta' *"President Declaration"* li tindika li l-Gvern bi ħsiebu jesproprija xi darba dak il-fond imsemmi mir-rikorrenti ma tikkostitwix raġuni biżżejjed għal talba ta' ripresa ta' fond mikri lil terzi. Ir-rikorrenti "forsi" kien ikollha raġuni tagħmel dina l-kawża kieku d-dar tagħha fil-fatt tkun ġiet espropjata u hija ordinata tiżgombra minnha – avvenimenti dawn li qatt ma seħħew;

Dana qed jiġi rrilevat billi numerużi huma l-każi fejn nonostante *"President Declarations"* il-Gvern baqa' ma esproprija qatt djar u artijiet imsemmija fid-*Declarations* bħala riżultat ta' kambjament jew abbandun ta' pjan dwar dik il-proprjetà;

2. Illi l-kelma "forsi" ġiet użata fil-paragrafu preċedenti billi huwa risapunt illi f'każi fejn il-Gvern jesproprija djar, dejjem tiġi pprovduta akkomodazzjoni alternattiva lill-familji li jinħarġu mid-djar hekk esproprjati. Għalhekk, jekk qatt ir-rikorrenti tinħareġ minn darha wara li ssir l-esproprjazzjoni minnha aċċennata, hija żgur tiġi pprovduta b'dar oħra mill-Gvern, u r-rikorrenti ma tkunx tista' tallega li mhux ipprovduta b'akkomodazzjoni adegwata, band'oħra;

3. Illi l-fond 3, Point Street, Sliema, mikri lill-intimat

*huwa l-uniku post ta' l-abitazzjoni tiegħu fejn jgħix is-sena kollha* – kif *del resto* jiġi ppruvat – u għalhekk it-talba tar-rikorrenti, għal bosta raġunijiet fuq imsemmija, għandha tiġi miċħuda;

Rat is-sentenza tas-16 ta' Ottubru, 1986, mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera li biha kien iddeċieda l-kawża billi laqa' t-talba tar-rikorrenti u għall-fini ta' l-iżgumbrament ipprefiġġa terminu ta' tliet xhur minn dak in-nhar. L-ispejjeż għandhom jiġu ssopportati mill-intimat, *dan wara li ra u kkunsidra dan li ġej:*

*Omissis;*

Illi kwantu għas-sottomissjoni fuq imsemmija ta' l-intimat illi "huwa risapunt li f'każi fejn il-Gvern jesproprija djar dejjem tiġi pprovduta akkomodazzjoni alternattiva lill-familji li jinħarġu mid-djar hekk esproprjati" għandu jingħad dwarha *illi fl-atti* proċesswali hemm biss il-prova ta' Carmel Falzon, li xehed in rappresentanza tas-Segretarju tad-Djar (fol. 41), illi ma jirriżultax li ġiet offerta "*alternative accomodation*" mid-Dipartiment tad-Djar lir-rikorrenti;

Illi, għalhekk ir-rikorrenti rnexxielha tipprova illi hija għandha bżonn raġonevoli illi tirriprendi l-pussess tal-fond "*de quo*";

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Nazzareno Pace ppreżentat fl-24 ta' Ottubru, 1986 li bih talab bir-rispett li din l-Onorabblli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-26 *ta' Ottubru*, 1986, fil-kawża fl-ismijiet fuq indikati "Hilda

Lanzon *vs* Nazzareno Pace'' billi tiċħad għal kollox it-talbiet tar-rikorrenti appellata bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra tagħha;

Rat ir-risposta tar-rikorrenti Hilda Lanzon;

Rat l-atti kollha relattivi u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Ir-rikorrenti appellata qiegħda tissottometti li hija trid il-fond *''de quo''* għaliha għaliex fejn toqgħod f'Ħal-Balzan ġie kolpit f'Dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika li hu meħtieġ *in parte* għall-*'possession and use''* segwita b'ordni ta' rekwiżizzjoni maħruġa mis-Segretarju tad-Djar;

Għalkemm huwa veru li legalment bl-imsemmija ordni ta' rekwiżizzjoni ir-*''requisitionee''* ġiet spossessata mill-fond u d-disponibilità tiegħu m'għadhiex aktar f'idejha iżda f'idejn il-Gvern, din iċ-ċirkostanza ma tistax tittieħed iżolament iżda fid-dawl ta' dak li rriżulta mid-deposizzjoni ta' Joseph Felice, rappreżentant tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Dan xehed hekk: ''Dan il-pjan ta' żvilupp li evidentement jinvolvi fondi oħra, ikun jista' jiġi attwat hekk kif il-*Housing Department* jipprovdi *alternative accomodation* lill-persuni milquta minn dan il-pjan ta' żvilupp. Fil-fatt, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi kiteb lill-*''Housing Secretary* biex jagħti dan l-*alternative accomodation''* (fol. 11);

Din id-deposizzjoni turi li t-theddida ta' l-*eviction* mingħajr "*alternative accomodation*" mill-fond ta' Ħal-Balzan, li fuqha r-rikorrenti appellata qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha, m'hix *fondata* billi skond l-istess xhud qabel ma tiġi maħruġa 'l barra mill-istess fond, sejra tiġi pprovduta mill-istess Gvern b' "*alternative accommodation*";

Għalhekk fl-istat attwali tal-provi, min-naħa waħda l-Qorti għandha quddiemha rikorrenti li għalkemm se tiġi maħruġa minn darha f'Ħal-Balzan però se tiġi pprovduta b' "*alternative accomodation*", u min-naħa l-oħra intimat li jekk jiġi żgumbrat mill-fond "*de quo*" fejn attwalment jabita ma ġiex ippruvat sodisfaċentement li għandu fejn imur joqgħod;

F'dan l-istat tal-provi huwa evidenti li jekk l-intimat appellant jiġi żgumbrat il-*hardship* tiegħu jkun ferm akbar minn dak tar-rikorrenti jekk it-talba tagħha ma tiġix milqugħa;

Għal dawn il-motivi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talba tar-rikorrenti appellata. L-ispejjeż, sija ta' l-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa.